III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2009/164/PESK

tas-26 ta' Frar 2009

Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill li ġġedded miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Marzu 2004, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK li ġġedded il-miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) ([1]). Dawn il-miżuri reġgħu ġew imġedda bil-Pożizzjoni Komuni 2008/223/PESK ([2]) sas-16 ta' Marzu 2009.

(2) Il-miżuri imposti bil-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK għandhom jiġġeddu għal perijodu ieħor ta' 12-il xahar,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

Il-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK għandha tiġi estiża sas-16 ta' Marzu 2010.

Artikolu 2

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tieħu effett fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Frar 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

I. LANGER

([1]) ĠU L 94, 31.3.2004, p. 65.
([2]) ĠU L 70, 14.3.2008, p. 22.